**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**-vs-**

**Joseph Spiteri detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 575656M**

Illum, 24 ta' Frar, 2025

*Kumpilazzjoni Nru. 1/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Joseph Spiteri** u ċioe talli:

1) Fit-2 ta' Jannar 2021, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu fi Pjazza Medjatriċi, Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra jew iġibilha diżordni f'moħħha, u cioe ħebb għal Raymond Psaila detentur tal-karta tal-identità bin-numru 237570M billi ikkaġunalu ferita ta' natura gravi hekk kif iċċertifikat mit-tabib tal-isptar Mater Dei, ai termini tal-Artikoli 214,216 u 217 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi garr ' il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-kumissarju tal-pulizija, ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
3) Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fil-jiem ta' qabel, saq vettura ta' għamla Toyota Starlet bin-numru tar-reġistrazzjoni CAA908 mingħajr ma kellu

liċenzja tas-sewqan u dan ai termini tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5) Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku ai termini tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

6) Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Raymond Psaila, ai termini tal-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Raymond Psaila;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta sejbien ta' ħtija tikkundanna lil-ħati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Frar, 2023,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Att Dwar l-Armi, tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Fol.191

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2023, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-27 ta' Frar, 2024.

## IL-PROVI

L-imputat ttieħdietlu stqarrija[3] fejn, għajr li kkonferma li l-vittma kien s-sieħeb ta' bintu li wasal fuq il-post tas-sinistru qablu w li hu għamel żmien jieħu kalmanti iżda kien waqafhom, eżerċita d-dritt tiegħu għas-silenzju. **PC1169 Owen Sammut** ikkonferma li kien xhud ta' dik l-istqarrija.[4]

**PS654 Elton Bondin** iddeskriva kif nhar t-2 ta' Jannar, 2021 meta saru 06.45am, Raymond Psaila għamel rapport l-Għassa li ġie aggredit minn missier l-*partner* tiegħu f'Ħaż-Żabbar fejn ħanut tat-te "Dolly's" li mar għal fuqu w faqqalu tazza tal-kafè f'rasu, ħareġ mus u ħebb għalih. Psaila deher b'kafè mal-*face mask* u b'demm fil-pala t'idejh il-leminija w fil-minkeb tax-xellug li kellu qatgħa. Bondin mar fuq il-post tas-sinistru fejn sab lil **Spiteri għadu jieħu kafè**, arrestah u meta interrogat dan innega l-verżjoni ta' Psaila. Fil-but tiegħu nstabu ċwievet ta' vettura Toyota li kienet ipparkjata viċin Dolly's. L-imputat qallu li t-Toyota, li nstab kienet reġistrata fuq ċertu Charles Barbara, tahilu dan sieħbu biex jużaha ħalli ma titħalliex wieqfa.[5]

---

[2] Fol.192
[3] **Dok.DB2** a fol.12 et seq
[4] Dok.81
[5] Fol.23-24

Il-**Current Incident Report**[6] redatt mis-Surġent Bondin ġie preżentat w ikkonfermat bil-ġurament tiegħu. Hawn jidher li l-mus użat mill-imputat kellu manku kannella w Psaila għalkemm prova jiddefendi lilu nnifsu xorta spiċċa ntlaqgħat mill-mus. Anke l-flokk li kien liebes kien mqatta'.

**PC1328 Neil Griffin** ikkonferma l-fatti kif rakkontati mis-Surġent Bondin. Psaila stqarr miegħu li Spiteri kien qed jagħmel użu minn Toyota bin-numru CAA908 u li ma kellux liċenzja tas-sewqan.[7]

L-**Ispettur Darren Buhagiar** ukoll ikkonferma l-istqarrija li rrilaxxa l-imputat u taha r-retroxena tal-investigazzjonijiet li ppreċedew l-arrest u l-proċeduri fil-konfront tal-imputat.[8] Żied li wara ċertu żmien ġie nfurmat minn Psaila li idejh baqgħet tweġġgħu w għalhekk reġa' irrikorra għal kura fejn, minn X-Ray, instab li parti minn xafra tal-strument li ġie attakkat bih, kienet baqgħet mwaħħla fil-minkeb.[9]

**Raymond Psaila** xehed li hu għall-aħħar erbatax (14) il-sena kien il-*partner* ta' bint l-imputat, Janette li magħha għandu żewġt ulied, ta tnax (12) u tmien (8) snin.[10] Dakinhar tas-sinistru, għal ħabta ta' 5:30pm kien qed jieħu te barra l-ħanut Dolly's Bar u xi 6:15pm wasal l-imputat *"Ġie minn ma ġenbi mal-bankina, sadattant ma rajtux, faqali t-tazza ġo wiċċi u joffendini. Faqali tazza bil-kafe ġo wiċċi u mbgħad ħareġ il-mus beda jtini bil-mus".*[11] Spjega kif qabel dakinhar ma kienx hemm diżgwid bejniethom. Ġara iżda li fi żmien il-Milied saret ikla fl-għalqa tal-imputat fejn hu w Janette xtraw xi affarijiet tal-ikel u Janette qalet l-ommha biex ħuha David jiġi wkoll. Ġara li minħabba xi malintiż li kien hemm Janette u ħuha, ħuha ħa għalih, l-ikla ma marx u meta fl-aħħar tas-sena għamel festin lil Janette ma stedinix.

Semma kif prova jiddefendi ruħu min Spiteri iżda **ntlaqat bil-mus fil-polz t'idu l-leminija u fuq il-minkeb tax-xellug fejn sarulu xi punti kemm fuq il-minkeb kif ukoll fuq il-polz.**[12] Spiteri beda anke joffendieh bil-qabar ta' missieru w qallu li ommu kienet taqlibha lill-missieru w għandha ulied mhux min ta' missieru, kif ukoll għajru li jaħdem mal-Gvern u jmur jaħdem fil-kostruzzjoni. Il-feriti li ġarrab seħħew ***"Bil-mus, xejjer il-mus u laqatni hawnhekk, għandi erba' punti hawn"*** fil-polz. Għalkemm kien hemm persuni oħra li assistew għal din l-aggressjoni ħadd ma azzarda jipprova iferraqhom

---

[6] **Dok.EB** a fol.26 et seq
[7] Fol.28
[8] Fol.178-180
[9] Fol.180-181
[10] Fol.30
[11] Fol.31
[12] Fol.32

għax Spiteri kellu mus f'idejh.[13] Malli Spiteri waqaf itieh, mar jagħmel rapport l-Għassa. Wara mar il-Policlinic u ntbagħat l-isptar b'ambulanza fejn ingħata ċertifikat li esebixxa w li juri li dan sofra ġrieħi ta' natura ħafifa salv komplikazzjonijiet.[14]

Riprodott Raymond Psaila, wara li kkonferma d-dokumentazzjoni esibita bħala **Dok.RP**,[15] semma kif instab li fil-minkeb instabitlu ponta tal-mus u minħabba fiha ġie operat. Psaila għadda biex esebixxa numru ta' dokumenti oħrajn li nħarġu mill-isptar Mater Dei.[16] Minn din id-dokumentazzjoni jirrizulta li fil-minkeb instabitlu ***"Small silver of app 2 x 4mm".***[17]

In kontro-eżami Psaila jinnega li kien armat u jistqarr, *"Jiena kont qed nieħu l-kafè filgħodu għand il-Dolly's Bar fejn semmejt inti l-ewwel,* ***ġie minn warajja*** *bit-tazza tal-kafè bil-mus miftuħ, faqagħli t-tazza tal-kafè ġo wiċċi u kif mort nimsah wiċċi bil-ħġieġ, kien hemm in-nies xhieda, telgħu x-xhieda, qabad ifajjar bil-Muscat bl-addoċċ. Kieku ma kinux għan-nies, ma tistax tgħid x'kien isir.".*

Meta l-abbli difensur isaqsih kienx ħareġ il-mus mill-but ta' wara, dlonk wieġeb li hu kien liebes *tracksuit* li ħalliha disponibbli għall-pulizija f'każ li kienu jinħtieġuha. Din kellha żewġt bwiet fuq quddiem u mhux fuq wara.[18] Anke din id-dikjarazzjoni takkwista sinifikat aktar il-quddiem meta l-Qorti tiġi biex tikkunsidra jekk għadux jingħata kredibbilità l-imputat.

**Raymond Spagnol** iddeskriva kif kien waqaf jieħu kafè f'ħanut u maġenbu kien hemm Psaila. Ġie raġel iehor li beda jgħid xi diskors lil Psaila hu ma fehmux ***"U avviċina iżjed u ġew fl-idejn"***. Kienu warajh u hu beża'. Meta firduhom sema' wieħed mill-irġiel jgħid li sejjer l-Għassa. Jispjega li **l-imputat ġie minn warajh min-naħa tal-lemin tiegħu filwaqt li Psaila kien mat-tieqa tal-ħanut jieħu t-te.**[19]

**Janette Spiteri** xehdet kif għal B*oxing Day,* waqt li kienet qed tkellem lill-ommha, stiednet lil oħtha w lil ħuha għall-ikla imma ommha qaltilha li ħuha kienu ser imorru jieklu mal-kunjata kif isir ta' kull sena. Sussegwentement saret id-dar t'ommha. Lil ħuha ma qalulu xejn iżda sar jaf mingħand ommhom li kienu għamlu l-ikla u ħa għalih. Meta organizza ikla għall-aħħar tas-sena lilha

---

[13] Fol.33
[14] Fol.34-35
[15] Fol.36 et seq
[16] Fol.123-124. Dokumentazzjoni mmarkata bħala **Dok.RP1** a fol.126 et seq
[17] Fol.126
[18] Fol.211
[19] Fol.42-43

u lil Psaila ma qalilhomx biex imorru w hi ffastidjat ruħha.[20] Fl-Ewwel tas-Sena waqt li bdiet tkellem lill-missierha fuq it-telefon dan beda jgħid lil Raymond li ser ipattiehilu għax kissirlu familja meta kienet hi li kellha argument ma ħuha u mhux Psaila.[21]

Ġew esibiti ritratti li juru l-ġrieħi mġarrba minn Psaila fejn jidher li dawn kienu primarjament fuq il-polz u l-pala tal-id tal-lemin u l-minkeb tax-xellug.[22] Raymond Psaila ikkonferma l-istess ritratti bħala dawk li juri l-ġrieħi minnu subiti.[23]

L-imputat **Joseph Spiteri** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda u beda biex jgħid li ma kienx kuntent bl-għażla ta' bintu rigward Psaila peress li ma kienx jixirqilha. Fi żmien li kienu qed jgħixu miegħu kienu jmorru nies, fosthom ta qattagħni, iffitxuh. Semma kif kien hemm diżgwid bejn bintu w ħuha rigward ikla u Psaila għajjar lill-ibnu 'pulċinell'. Kien urtat li bintu spiċċat tgħajjar l-ommha. Dan seħħ fuq it-*telephone* u Psaila, meta kellmu, qallu biex ma jindaħalx *"Issa tibżax, ġebel ma ġebel jiltaqa"*.[24]

Fil-jum tas-sinistru jgħid li, kif jagħmel ta' kuljum, mar għall-kafè b' tal-linja. Jisħaq li kien imur għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu (3am) jew għal xi l-erbgħa, l-erbgħa u nofs ta' filgħodu (4-4:30am) iżda dakinhar tal-aggressjoni mar għal xi sitta (6am).[25]

Għalhekk jidher li dakinhar tas-sinistru Spiteri biddel il-*pattern* li kien qabad u flok mar bejn it-3am u 4am, mar fis 6am. Għaliex?

Spiteri jixhed li Psaila wasal warajh u dan meta jirrizulta **minn xiehda ta' Spagnol li kien l-imputat li wasal wara Psaila meta dan tal-aħħar kien bi kwietu jieħu kafè ħdejn l-istess Spagnol**![26]

Il-verżjoni li jissokta jaghti assolutament ma tagħmel l-ebda sens. Dan biex ma jingħad xejn kif ma hi korroborata minn ebda evidenza oħra, anzi ix-xiehda ta' Spagnol tiżmentixxi għal kollox dak li jistqarr Spiteri.

Il-gideb tiegħu joħroġ fid-deher meta, minkejja it-tixjir kollu li jallega għamel Psaila bil-mus, il-flokk tiegħu ma tqattax, kuntrarjament għal flokk tal-vittma

[20] Fol.45-46
[21] Fol.47
[22] **Dok.A** ta' **Dok.DB5A-Dok.DB5F** a fol.5
[23] Fol.56-57
[24] Fol.215-219
[25] Fol.221
[26] Fol.41-42

fejn il-Current Incident Report jindika li _"ġie innutat ukoll li parti mill-flokk li kellu fuqu imqatta'"!_[27] <u>Minkejja li jgħid li Psaila waddablu il-kafè, lanqas qatra ta' kafè ma dehret fuqu!</u>

**Liliana Baldacchino**, bint l-imputat u oħt Janette, tixhed kif lejliet li nqala l-inċident ċemplitilha l-istess Janette u għarrfitha li kienet iġġieldet ma missierha.[28] Ix-xiehda ta' Baldacchino <u>tirriżenta l-ludikru w assolutament ma tista' tingħata l-ebda kredibbilità</u> tenut kont li trid titwemmen li wara li oħtha qaltilha li **Psaila kien nieżel armat għal missierhom biex jisfidah, din la ċemplet lill-missierha biex twissieh u wisq anqas ma għamlet rapport l-għassa**.

Kliema jisfidaw il-buon sens u ma jikkostitwixxu xejn għajr gidba mill-bidu sal-aħħar:

| | |
|---|---|
| *"Xhud:* | *Issa wara ftit cemplitli ohti kienet u qaltli li kellhom xi jghidu bl-ikrah fuq it-telephone qaltli: "Pero xorta wahda ha mmur Haz-Zabbar jieħu kafè s-soltu halli ma jurihx li jibza minnu." Ghax missieri jmur jieħu kafè wkoll. …* ***Raymond xorta ha jmur jieħu kafè imma sejjer preparat li ha jzomm xi haga fuqu xi haga armat****. Imbaghad jiena peress li kont xoghol sewwa jiena ghidtilha: "Toqghodux taghmlu dawn l-affarijiet imma kklamaw l-affarijiet."* |
| *Qorti:* | *Lil missierek cempitlu?* |
| *Xhud:* | ***Ma cempilt lil ħadd jiena ghax jiena*** |
| *Qorti:* | *Ehhhh!* |
| *Xhud:* | *Tini naqra cans Sinjura u skuzani jiena kont qieghdha xoghol sewwa u jiena fejn bsart x' ha jigri. Mela jiena naf u kienu saru filghaxija u kont xoghol.* |
| *Qorti:* | <u>*Imma tigi tghidli li ser imur ippreaprat ghal missierha u lil missierha ma tavzahx*</u>*?* |
| *Avukat:* | *Id-diskors dejjem tiehdu li ha jsir? Alla hares hekk.* |
| *Xhud:* | *Li* ***sejjer ippreparat****.* |
| *Qorti:* | *Li sejjer ippreparat ghal missierek.* |
| *Xhud:* | *Iva. Allura x' naghmel imbaghad jiena? Mhux iktar ha tishon il-qiegha mbahgad?* |
| *Avukat:* | *U x-xhud qed tixhed u kienet ser tkompli xxewex aktar.* |
| *Xhud:* | *Jiena ppruvajt nirranga. ……U kont xoghol l-ghada jiena u ma stajtx immur biex jigi ghandi missieri u ncempillu biex jigi ghandi misieri. Jiena qatt ma habbat wicci ma' dawn l-affarijiet Sinjura. ……* |
| *Xhud:* | *Heqq u mbaghad gara li gara. Cempiltli u qaltli: "Ara x' gara" ghidtilha: "Ghalfejn mar dak bhala sfida mar fejn missieri." Issa jiena ma kontx maghhom u ma nafx x' gara u ma garax. Jiena bin-naqra li naf. Jiena ghandi familja Sinjura ta' wkoll id-dar u kulħadd ghandu l-familja* |

[27] Fol.26
[28] Fol.248-249

| | |
|---|---|
| | *tieghu. Jiena lil ommi kuljum incemplilha allura ser noqghod nimla lil missieri: "Tmurx hemm ghax gej ippreparat ghalik." Mhux ser naghti nformazzjoni biex insahhanhom ghal xulxin. Jiena lil ohti ghidtilha: "Dawn l-affarijiet ta' bejnietkom aqtughom u toqghodux sejrin hekk." Noqghod nikwieta, ghandi r-ragel skuzi ma jiflahx u ghandi l-familja tieghi u kulħadd ma jiflahx sewwa. U issa ma nafx kemm ilu ezatt u mhux ser noqghod niftakar ezattament. U fejn bsart mill-lejla ghal ghada filgħodu fis-sebgha ta' filgħodu grat din ix-xenata. Fejn tobsor. Jiena fuq it-telphone nitkellem m;' ommi u m' ohti sewwa* |
| *Avukat:* | *Sinjura inti qieghdha bil-gurament u quddiem il-Qorti u quddiem l-avukati prezenti. Biex ma ssahhanx u sewwa ghamilt forsi ghal dak il-mument. Ghal dak il-mument inti rajt illi m ghandekx ghalfejn issahhnu. L-Ghassa tal-Pulizija mhux qieghdha l-bogħod biex u ghatba kwazi fejn gara l-incident. Ghalfejn ma cempiltx lill-Pulizija?* |
| *Xhud:* | *Fejn bsart li ha jigri hekk?* |
| *Avukat:* | *Jekk inti xi ħadd jghidlek li sejjer ippreparat ma ccempilx l-Ghassa?* |
| *Xhud;* | *Heqq."*[29] |

In-Natura tal-Feriti

Iċ-**ċertifikat** esibit minn Raymond Psaila juri kif sofra feriti fuq il-polz tal-lemin, fuq il-minkeb tax-xellug u girfa fuq in-naħa tax-xellug ta' moħħu. [30] **Dr. Maria Elena Pawley** ikkonfermat iċ-ċertifikat maħruġ minnha.[31]

**Dr. Kelly Ann Attard** ikkonfermat id-*Discharge Note* u *Opthalmology Referral*.[32] In kontro-eżami tispjega li *"kienu irreferewh minħabba li kien weġġa' rasu u innutaw li d-daqs tal-ħabba tal-għajnejn ma kinitx l-istess fuq iż-żewġ naħat; jiena eżaminajtu u ikkonfermajt dak li qalu mill-health centre, u konna ibbukkjajnielu CT scan...... Ir-riżultat kien normali."*[33]

**Dr. Thomas Azzopardi,** wara li kkonferma l-kontenut tal-Affidavit ppreżentat minnu,[34] jixhed li filwaqt li l-operazzjoni tkun saret minn team id-deċiżjoni dwar x'operazzjoni kien jinħtieġ Psaila ġiet deċiża minnu.[35]

**Dr. Mario Scerri** spjega kif wara li Psaila reġa' irrikorra l-Policlinic ta' Raħal il-Ġdid peress li baqa muġugħ, wara li ttieħed X-ray, instab li kellu tarf ta' sikkina

[29] Fol.250-252
[30] **Dok.RP** a fol.36 et seq
[31] Fol.72-74
[32] Fol.37 u 38
[33] Fol.205
[34] Fol.119
[35] Fol.208-209

ġol-għadma li kienet miksura. *"Kien hemm tiċrita fl-olecronon process ta' l-għadma u kien hemm dan il-foreign body li ġie maħruġ. Waqt l-operazzjoni instan li kien hemm soft tissue reaction u infjammazzjoni...Dan spiċċa b'cikkatriċi allura, ta' inċiżjoni estiża peress li saret l-operazzjoni fil-minkeb"* li tidher from within talking distance. Izid *"l-inċizzjoni oħra fuq ir-wrist tal-lemin riżultat ta' inċiżjoni , din mhux daqshekk* ***konspikwa from within talking distance****. Il-lezjoni maghmulha mis-sikkina liġi embedded kienet gravi per durata. Kien hemm frattura ta' olecronon process u fjamazzjoni li damet tippersisti sakemm inqalghet it-tarf tas-sikkina."*[36]

Mir-rapport tiegħu jirrizulta li l-imputat ġie operat fl-4 ta' Ġunju 2022, aktar minn ħames xhur wara s-sinistru. Dr. Scerri ikklassifika l-ġrieħi bħala **gravi per durata**.

In kontro-eżami Dr. Scerri jispjega kif li Psaila kien ġie mdewwi fit-2 ta' Jannar, 2021, *"Dan baqa' muġugħ u skomdu meta jagħmel flexion u extension tal-minkeb. Dan fettillu reġa' mar il- polyclinic ta' Paola, ittieħed x-ray u nstab illi kellu tarf ta' sikkina miksur u embedded fl-olecranon process. L-olecranon process hija din l-għadma.* ***Dik per se kellu fjammazzjoni, kien muġugħ, dik hija gravi per durata.*** *Issa jekk kien żball tat-tabib għax ma ħadlux x-ray qabel jew le, il-fatt kien illi* ***kien hemm blade miksura fl-olecranon process. U tikkombaċja ma' dak li qal illi qala' daqqa ta' strument."***[37] Dawn il-konstatazzjonijiet saru mill-espert mediku forensiku wara li ħa konjizzjoni tal-*medical history* ta' Psaila.[38]

Konklużjoni

Mill-assjem ta' dawn il-provi l-Qorti tqis li, għajr ghal ħames imputazzjoni, il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.

1. Ix-xiehda tal-imputat u dik ta' bintu Liliana Baldacchino huma fabbrikazzjonijiet li ma jistħoqqilhom ebda kredibbilita. L-istess jingħad għax- xiehda mqanżħa ta' Charles Barbara li ħaseb li qed jitkellem ma xi tfal tan-Nuna!

2. Spiteri kapaċi jaghti dettalji speċifiċi in kwantu dawn iservu biex jissostanzjaw il-verżjoni tiegħu, iżda meta pressat dan jitfixkel u jsir inkoerenti:

   *"Xhud: Jiena minghalija waraja ġie.*
   *Avukat: Warajk minghalik?*

[36] Fol.154-155
[37] Fol.202
[38] Fol.203

*Xhud:* *Ehe.*
*Avukat:* *All right. U x' gara?*
*Xhud:* *Hu ha l-kafè u qalli: "Pulcinell jekk trid tghid xi haga ghidli." Qabad u xehitli l-kafè u jiena lqajtlu t-tazza u qala` xi haga minn hawnhekk*
*Qorti:* *"Minn hawnhekk" qed tghid mill-but ta' wara on the right.*
*Avukat:* *Mill-but ta' wara tal-qalziet.*
*Xhud:* *Jien gietni sahha tremendi mort inzommu minn hawn*
*Qorti:* *Minn spalltu.*
*Xhud:* *U naf li kellu xi haga f' idejh u beda jdawwru minn din ghal din u minn din ghal din u jiena ridt niddefendi ruhi.*
*Avukat:* *Meta qed tghid 'minn din ghal din' biex tifhem il-Qorti minn id ghal id?*
*Qorti:* *Beda jdawwru minn id ghal oħra. X' kien dan il-haga li kellu*
*Avukat:* *Ghandek idea x' kien dan l-oggett? Qorti: Jew tiddeskrivih naqra.*
*Xhud:* *Naf li oggett bil-ponta.*
*Qorti:* *"Bil-ponta?"*
*Xhud:* *Ee.*
*Qorti:* *Jigfieri rajt il-ponta u ma tafx x' kien?*
*Xhud:* *Jiena bejn idu u hekk qisu rajtu barra minn idejh qisu kellu hekk.*
*Qorti:* *Qisu ghandek four inches.*
*Xhud:* *Ma nafx infhemek Sur Magistrat. Fih sitt pulzieri l-barra.*
*Qorti:* *Jigifieri x' kien? Turnavit?*
*Xhud:* *Xi haga bil-ponta kienet.*
*Avukat:* *Imma kien mus, turnavit, sikkina?*
*Xhud:* *Le turnavit ma kienx zgur.*
*Avukat:* *Ma kienx all right.*
*Xhud:* *Jew xi sikkina jew mus. …. Heqq jiena bdejt niddefendi ruhi Sur Magistrat. Jiena anzjan hux.*
*Qorti:* *Dan il-mus qattghalek xi haga? Xi flokk jew hekk?*
*Xhud:* *Ma nafx inghidlek ta issa.*
*Avukat:* *Qabel ma nkomplu rigward l-incident kemm tinforma lill-Qorti kemm kellek eta` dak iz-zmien tal-incident jekk tiftakar.*
*Xhud:* *Illum ghandi 68 u dakinhar kelli 64.*
*Avukat:* *Issa inti qed tghid illi dan hargu minn wara tal-qalziet. Meta hargu minn wara tal-qalziet inti fejn kont tinsab? Kont tinsab il-bogħod mis-Sinjur jew kont vicin tieghu?*
*Xhud:* *Le ghax ahna bdejna nimbuttaw lil xulxin.*
*Avukat:* *Jigifieri f' dak il-mument hargu li bdejtu timbuttaw lil xulxin.*
*Xhud:* *Il-mument li meta qed inzommu hekk hu ghamilli wahda hekk u beda jxejjer minn id ghal oħra u jien qbadtu minn hawn u minn hawn jew hekk u beda jxejjer minn id ghal oħra.*[39]

………

*Xhud:* *Jien rajtu qed jieħu l-kafè bit-tazza f' idu mbaghad.*
*Qorti:* *Jigifieri inti l-ewwel darba li rajtu bit-tazza f' idu.*

---
[39] Fol.221-223

| | |
|---|---|
| *Xhud:* | *Eh u xehethuli ghal wicci u jien mort nilqa t-tazza Sur Magistrat.* |
| *Qorti:* | *Inti kont diga qed tiehu l-kafè meta rajtu.* |
| *Xhud:* | *Iva Sur Magistrat.* |
| *Qorti:* | *Jigifieri dan wasal qablek.* |
| *Xhud:* | *Gie waraja.* |
| *Qorti:* | *Gie warajk.* |
| *Xhud:* | *Ghax jien ma rajtux issa jekk kien hemmhekk u jien kont ghadni nqum u ma rajtux jista' jkun ukoll.* |
| *Avukat:* | *Dan il-mus inti f' xi hin kien f' idejk?* |
| *Xhud:* | ***Jiena ma kelli f' idejja xejn**.* |
| *Avukat:* | *Xejn jigifieri anke, inti qed tghid illi kont qed tipprova twaqqfu sewwa lilu.* |
| *Qorti:* | *Bdejt tipprova twaqqfu milli jtik u mhux hadtulu minn idejh?* |
| *Xhud:* | *Le, le, le. Jiena bdejt inzommu minn hawn u hekk u nimbuttah.* |
| *Qorti:* | ***Minn spalltu u mill-forearms**.* |
| *Xhud:* | *Issa hu beda jxejjer minn naha ghal oħra u minn naha ghal oħra f' idu"[40].* |

Din ix-xiehda tiġi żmentita minn Raymond Spagnol li fl-ebda ħin ma ra lil Psaila jxejjer mus. Kull ma ra kien żewġ irġiel li ġew fl-idejn.

Jerġa jiżmentixxi lil Spiteri meta jinsisti li kien Spiteri li wasal **wara** Psaila u mhux bil-kontra u li kien l-istess Spiteri li qabad argument, għall-ewwel verbali, ma Psaila. Spagnol xehed:

> *"...kif jiena komnt qed niehu l-kafè, ġie raġel minn din in-naha u beda jgħid xi diskors ....jindirizzah lil dan ir-ragel li kien magenbi....U avviċina iżjed u gew fl-idejn.....smajt lill-iehor jgħid li sejjer l-għassa għax irrefera li ghandu xi demm.....ghidtlek li ġie dan ir-ragel li huwa Guzeppi minn din in-naha (tal-lemin tiegħu) l-iehor lil hemm eh, lil hemm minni. Xi pied ta jew zewg piedi.... (l-imputat) Dan ġie minn hawnhekk, **minn warajja**.... Dan avviċina iżjed l'hawn...".*[41]

3. Tul ix-xiehda tiegħu Spagnol isemmi li **Spiteri mar ghal fuq Psaila, li kien jieħu kafè maġenbu, meta dan ġie minn warajh.**

   Jitfakkar kif anke Psaila jixhed *"**ġie minn warajja** bit-tazza tal-kafè bil-mus miftuħ, faqagħli t-tazza tal-kafè ġo wiċċi u kif mort nimsah wiċċi bil-ħġieġ, kien hemm in-nies xhieda, telgħu x-xhieda, qabad ifajjar bil-Muscat bl-addoċċ. Kieku ma kinux għan-nies, ma tistax tgħid x'kien isir."*[42]

   Il-verżjoni ta' Psaila għanda tingħata l-affidabbiltà u l-kredibbilità mistħoqqa għax għandha mis-sewwa.

---

[40] Fol.237-238
[41] Fol.41-45
[42] Fol.211

4. Kif qatt jista' jitwemmen Spiteri li waqt li jgħid li kull ma għamel kien li jimbotta lil Psaila l-bogħod minnu billi żammu minn spalltu u minn driegħu, meta jiġu ikkunsidrati n-natura w il-pożizzjoni tal-ġrieħi li ġarrab Psaila?

   Biex ix-xafra nqasmet fl-għadma fil-minkeb tal-lemin kellha bilfors tintuża <u>forza barranija</u> u kif biss seta' jiġri dan? Possibbli li Psaila baqa jagħfas il-mus go għamdu stess? Kemm hu aktar il-każ li dan sehh wara s-**saħħa barranija li l-imputat jiftaħar li rikbitu** meta hu aggredixxa lil Psaila *"jien gietni sahha biex tremendi",*[43] u *"Dakm il-ħin ġietni saħħa u hu haseb li jien ghadni nqum"*.[44]

5. Tant il-**ġrieħi kienu kollha fuq Psaila** li Spiteri jammetti li fuq ħwejġu kien hemm dmija *"Minn tiegħu stess jew inkella ma nafx minn xiex ġew"*.[45]

6. Dettal iehor li l-provi jgiddbu hu dwar min tefa l-kafè lil min. Spiteri jgħid li kien Psaila li tefgħalu l-kafè f'wiċċu *"Jien rajtu qed jieħu l-kafè bit-tazza f' idu mbaghad. … u xehethuli ghal wicci u jien mort nilqa t-tazza Sur Magistrat."*[46] u *"Dak xehitli t-te jew kafè jew x' kien ghal wicci u jiena lqajtlu t-tazza u nkissret, qbadna biex nappellaw u hareg xi haga minn hawnhekk hekk u jien gietni sahha biex tremendi"*[47]

7. Tant twerwer minn Psaila w tant ħalliet effett ħażin fuqu din l-aggressjoni li wara li Psaila għamel rapport l-għassa u l-Pulizija marret fuq il-post, sabet lil Spiteri għadu jieħu l-kafè! Min ikun kif għadu kemm ġie attakkat ghal b'xejn b'xejn imur jinġabar jekk mhux, imur jagħmel rapport l-Għassa l-ewwel u qabel kollox. Turija ċara li **Spiteri kien l-aggressur** u mhux viċe versa.

   Madanakollu PC1328 jixhed li *"fiżikament kien jidher il-maskra kienet imċappas bit-te ... kienet maskra bajda"*.[48]Minn naħa tiegħu PS654 Elton Bondin isemmi li meta daħal jagħmel ir-rapport Psaila *"deher li kellu l-kafè anke mal-maskra ta' wiċċu"*[49] **Imkien ma jissemma li Spiteri deher b'xi ħwejjeġ mqatta jew minn tal-anqas mtebbgħin jew mxarrba b'xi te jew kafè jew likwidu iehor!**

[43] Fol.242
[44] Fol.226
[45] Fol.227
[46] Fol.237
[47] Fol.242
[48] Fol.28-29
[49] Fol.23

8. Kif korrettament tissoleva l-abbli difensur tal-parte leża, filwaqt li fil-bidu tax-xiehda tiegħu, meta mistoqsi minn fejn ħareġ il-mus Psaila, Spiteri jindika li kien mill-but ta' wara tant li kemm il-Qorti kif ukoll l-abbli difensur tiegħu jikkonfermaw il-ġest tiegħu:

| | |
|---|---|
| *"Xhud:* | *Hu ha l-kafè u qalli: "Pulcinell jekk trid tghid xi haga ghidli." Qabad u xehitli l-kafè u jiena lqajtlu t-tazza u qala` xi haga minn hawnhekk* |
| *Qorti:* | ***"Minn hawnhekk" qed tghid mill-but ta' wara on the right.*** |
| *Avukat:* | ***Mill-but ta' wara tal-qalziet.*** |
| *Xhud:* | *Jien gietni sahha tremendi mort inzommu minn hawn* |
| *Qorti:* | *Minn spalltu.* |
| *Xhud:* | *U naf li kellu xi haga f' idejh u beda jdawwru minn din ghal din u minn din ghal din u jiena ridt niddefendi ruhi."*[50] |

Aktar il-quddiem, meta konfrontat mill-abbli legali ta' Psaila li l-qalziet li kien liebes Psaila ma kellux bwiet fuq wara, jittanta jbiddel il-verżjoni preċedenti u issa jistqarr:

| | |
|---|---|
| *"Avukat:* | *U ara nghidlekx sew li Raymond il-qalziet tieghu lanqas biss kellu but ta' wara.* |
| *Xhud:* | *Sorry?* |
| *Avukat:* | *Il-qalziet ta' Raymond ma kellux but ta' wara. Ara nghidlekx sew tiftakar inti jekk kellux but jew le?* |
| *Xhud:* | *Ma niftakarx.* |
| *Avukat:* | *Imma inti xhedt illi hareg mus mill-but ta' wara.* |
| *Xhud:* | *Ma xhedtx mill-but ta' wara.* |
| *Qorti:* | *Hu qallek: "Minn wara."* |
| *Xhud:* | *Jiena m ghidtx li minn gol-but."*[51] |

9. Jkompli jixxala fil-gideb u ħrejjef tiegħu stess meta, minkejja li nstabu fuqu ċ-ċwievet tal-vettura Toyota, jasal jgħid li ma kienx saq il-vettura iżda din kien ħalliha għandu Charles Barbara f'każ li kellu bżonn jużaha:

| | |
|---|---|
| *"Avukat:* | *Il-Pulizija dakinhar hadulek ic-cwievet ukoll.* |
| *Xhud:* | *Jiena karozzi ma kellix.* |
| *Avukat:* | *Dakinhar il-Pulizija hadulek ic-cwievet?* |
| *Xhud:* | *Il-karozza hemm siehbi joqghod Haz-Zabbar fejn il-knisja fejn kienet ipparkjata hi u mhux juzaha. Qalli: "Zep phalli ntik ic-cavetta halli jekk issib lil xi ħadd u tkun tridu tmorru x' imkien isuq huwa morru." Imma jiena ma soqtx karozzi.* |
| *Avukat:* | *U din il-karozza kemm kienet il-bogħod minn fejn kontu?* |
| *Xhud:* | *Eh?* |

[50] Fol.223
[51] Fol.239

*Avukat:* *Kemm kienet il-bogħod mill-bar fejn kontu?*
*Xhud:* *Jiena ma nistax inkejjel kemm.*
*Avukat:* *Bejn wiehed u iehor.*
*Qorti:* *Issa mhux qed nghidlek tohrogli r-rutella habib. Kemm kontu bogħod? Hafna, kantuniera, zewg kantunieri?*
*Avukat:* *Il-bogħod mill-knisja?*
*Xhud:* *Tletin metru suq.*
*Avukat:* *Issa apparti minn hekk naqblu li dakinhar il-Pulizija sabu dawn ic-cwievet ta' din il-karozza fuqek u haduhomlok.*
*Xhud:* *Iva c-cwievet ghandi kienu ghax siehbi kien joqghod fejn il-knisja u qalli: "Zepp jien ghandi l-vann tax-xoghol jekk tkunu inti u xi ħadd iehor u mbasta jkun isuq huwa*
*Qorti:* *Ghaliex hadthom int jekk inti kif izzattat int?*
*Xhud:* *Ghax habib tieghi hafna dan.*
*Qorti:* *Iva allura tehodlu c-cwievet jekk inti mhux suppost qieghed issuq?*
*Xhud:* *Le jiena ma hadtlu xejn hu tahomli.*
*Qorti:* *Ismghani Sinjur qed tigdeb, qed tigdeb Sinjur. Qed tigdeb! Il-lejla trid tmur torqod fuq dik l-imħadda u tati rendikont lill-Mulej ta' gurament falz. Ghandek ic-cans tirranga. Qed intik ic-cans. Bil-gurament ma nitmejjlux. Ghaliex kellek izzomm cwievet ta' vettura li inti ma ssuqhiex u Alla jbierek ġie jghid lilek minn nies kollha ta' Haz-Zabbar biex jekk tkun taf li xi ħadd ghandu bzonnha jigi ghandek.*
*Xhud:* *Sur Magistrat huwa close hafna hafna mieghi."*[52]

Il-Qorti tistaqsi għaliex allura sidha, Charles Barbara, ħalliha ipparkjata Ħaż Żabbar meta Spiteri, li tahilu biex jużaha, kien jgħix il-Kalkara?

U kif meta xehed Barbara ma semma xejn minn dan iżda wara li jirrikonoxxi li Spiteri kien ħabib antik, jinnega li sellef il-vettura lil xi ħadd. Anzi jgħid li hu biss kien isuqha u ħalliha ipparkjata Ħaż-Żabbar.[53]

Magħdud dan kollu il-Qorti ma tagħti l-ebda kredibbilità lil dan ix-xhud li ma iddejjaq xejn jiġbor ċwievet tal-vettura mill-għassa meta suppost ma sellifha lil ħadd u kien isuqha biss hu!

10. Xi bżonn kellu Spiteri jieħu ċwievet miegħu meta ma jirrizulta li ma kien hemm ħadd li talbu jmorru xi post anzi meta hu jiddikjara bil-ġurament li mar jieħu kafè wara li qabad tal-linja??

    Possibbli li biex jieħu belgħa kafè kien jieħu l-iżbriga li ta' kuljum jaqbad tal-linja fis-sigħat bikrin tat-3am u 4am?? Affarijiet li ma jagħmlu l-ebda sens!!

[52] Fol.233-235
[53] Fol.76

11. Il-gideb ta' Spiteri ma jieqfux hawn anzi jasal biex vilment jigdeb fuq l-Ispettur Buhagiar meta jallega, ghal darba darbtejn, li l-Ispettur heddu li jekk ma jaqbilx mal-verżjoni li l-istess spettur issuġġerilu, kien ser jitfgħu il-*lock up*:

| | |
|---|---|
| *"Xhud:* | *Jiena haduni l-Ghassa ta' Haz-Zabbar u mbaghad ġie s-Sur Buhagiar* |
| *Avukat:* | *Iva?* |
| *Xhud:* | *U nterrogani u qalli: "Jekk trid iccempel lill-avukat tista ccempillu ghandek kull dritt hux" u beda jinterrogani u qalli: "Jekk ma zzommx mieghi hemm il-lock up."* |
| *Avukat:* | *X' jigifieri: "Jekk izzomm mieghi?"* |
| *Qorti:* | *Mela qed nilghabu l-football hawn?* |
| *Avukat:* | *"Izzomm mieghi" x' jigifieri?* |
| *Xhud:* | *Qalli: "Jekk taqbel mieghi m hemmx lock up u jekk ma taqbilx ghal lock up." Ghidtlu: "Ghamel inti Sir."* |
| *Qorti:* | *Il-pulizija qallek hekk?* |
| *Xhud:* | *Ehe l-Ispettur.* |
| *Qorti:* | *"Jekk taqbel mieghi m hemmx lock up?"* |
| *Xhud:* | *Ehe.* |
| *Pros:* | *Jien niddubita kemm qal hekk u konvenjatament harigha ghax m hawnx l-Ispettur.* |
| *Qorti:* | *Ismghani Sinjur hadt gurament int.* |
| *Xhud:* | *Iwa.* |
| *Qorti:* | *Ma nitqazzux u hadt gurament.* |
| *Xhud:* | *Sur Magistrat nista nerga nfehmek.* |
| *Qorti:* | *Fhimtek, fhimtek u l-Ispettur qallek: "Jekk taqbel mieghi ma tmurx lock up.* |
| *Xhud:* | *"U jekk ma taqbilx hemm il-lock up." "*[54] |

12. Fl-aħħar jintebaħ li l-invenzjonijiet tiegħu daħħluh go sqaq u meta jiġi pressat fuq numru tad-dettalji jilgħaba li ma jiftakarx. Dak mistoqsi ma jiftakrux iżda ftakar biss dak li iddeċieda jivvinta, meta rregala lil Qorti ħrafa ikkulurita w, fejn qabillu, imżejna b'dettal metikoluż kif is-siltiet riprodotti aktar il-fuq juru. Jipprova jsalva ġildu fi tmiem ix-xiehda bis-segwenti skużant:

| | |
|---|---|
| *"Avukat:* | *Ha tkun taf il-Qorti ghalfejn qieghed daqsxejn mifxul illum. Le m ghandux x' jaqsam mal-kaz. Spjega lill-Qorti dan l-incident li ghadek kif semmejt issa ta' tlett gimghat ilu x' inhu halli l-Qorti tifhem ghalfejn qieghed mifxul illum.* |
| *Xhud:* | *Tlett gimghat ilu kelli l-accident tat-tifel tat-tifel miskin* |
| *Avukat:* | *Miet.* |
| *Xhud:* | *U ma tantx qieghed sewwa Sur Magistrat ghax meta nsemmieh jaqbadni l-biki.* |

[54] Fol.228-230

*Avukat:* *Dan kien hemm incident fil-festa ta' Haz-Zabbar u n-neputi tas-Sinjur sfortunatament halliena tlett gimghat ilu."* [55]

Ikkunsidrat

Rari din il-Qorti kellha sfortuna tiltaqa ma tant individwi, f'każ wieħed, li kienu lesti jigdbu taħt ġurament b'menefregizmu assolut għall-pieni li tali reat iġorr biex ma jingħad xejn rigward in-nuqqas assolut ta' prinċipji u moralità li huma nieqsa minn kull farka tagħhom!

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha rigward l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

Il-ġrieħi li ġarrab Psaila fuq il-minkeb ġew klassifikati bħala ta' **natura gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali** in kwantu ghal ksur fil-minkeb tax-xellug. Rigward il-ġrieħi fuq aspett anterjuri tal-polz tal-lemin dawn għandhom jitqiesu bħala ġrieħi ta' natura ħafifa.

Irid hawn jiġi sottolinejat li dawn il-ġrieħi ġew pperpetrati permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez kif kontemplat bl-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali.

Rigward l-imputazzjoni numru erba' (4) il-Qorti wkoll tqis li din ġiet soddisfaċentement ippruvata kif jirrizulta mix-xiehda mhux biss ta' Raymond Psaila iżda senjatament minn dik ta' Raymond Spagnol li jagħmel riferenza ghal kjass li qam u l-biża li tnisslet fih waqt li dawn l-irġiel kienu ġew fl-idejn, tant li beda jgħajjat lin-nies biex iferrquhom *"Jien dak il-ħin bżajt u tlaqt l'hemm...jiena warrabt l'hemm għax bżajt għax ghajjat kien hemm, kommossjoni ta' ġlieda...il-kafè lanqas biss xrobtu ...jiena m'inix ta' dan it-tip u bżajt. Hrigt nigri".*[56]

Is-sitt imputazzjoni wkoll ġiet ampjament ppruvata tenut kont tal-kliem dispreġġattiv li ntqal minn Spiteri.

Hi biss il-ħames imputazzjoni li ma ġietx pruvata w l-imputat għandu jiġi liberat minnha.

---

[55] Fol.244-245

[56] Fol.42-43

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali aġġornata tal-imputat li ġiet esibita fuq ordni tal-Qorti, minn fejn jirriżulta li l-imputat mhux xi *first-time offender*, tant li fil-passat instab ħati li sawwat u ħebb għal terzi, w taċ-ċirkostanzi tal-każ minn fejn jirrizulta kjarament li kien l-imputat li fittex l-alterkazzjoni ma Psaila.

Issa l-artikolu 217(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **217.** L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa għaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew inissgeż, ......

Kif deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri:**[57]

> Illi umbaghad, kif anki ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -
>
> *"... bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika "*
>
> u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, **Il-Pulizija vs Alfred Galea,** il-Qorti kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'tagħmel:[58]

> Illi in linea generali jibda biex jinghad li:
>
> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun ġie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg*

[57] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Stephen Mamo** Per S.T.O. Prim Imħallef Vincent Degaetano, Deċiża 23 ta' Lulju, 2010, Appell Nru. 27/2010

[58] Per Onor. Maġistrat Dr. J. Mifsud. Deċiża 28 ta' Ottubru, 2021 Kumpilazzjoni numru: 584/2016

*car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.*[59]

Illi c-ċirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' ċirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fiddiskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[60] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena:

> Dil-Qorti tagħmel ir-riflessjonijiet segwenti dwar l-istess piena. Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
>
> (a) Retributtiv;
> (b) Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> **L-aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bilkommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' tagħha.
>
> **L-aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.
>
> **L-aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. **L-effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażżna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. **L-aspett preventiv speċjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-

[59] Ref **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deċiż 28.11.2006

[60] Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t' Ottubru 2019

fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.

Finalment hemm **l-aspett <u>riedukattiv u rijabilitattiv</u>** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir- rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha **<u>effetti riedukattivi u korrezzjonali</u>** fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilitattiv u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva

F'dan l-isfond tajjeb li ssir riferenza wkoll għal dak li hu l-iskop tal-piena. Fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Francis Mamo** ġie kunsidrat: [61]

Fil-verita l-iskop tal-piena <u>muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati</u>. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun ġie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.[62]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……

---

[61] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

[62] **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deciża 28.11.2006.

> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[63]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; .....

Finalment il-Qorti ser tiċċita silta meħuda minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn il-Qorti kienet qed tikkunsidra l- *principles of sentencing*:[64]

> Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jieħu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,... Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:
>
> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."** [Emfazi ta' dik il-Qorti]

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulha, dmir din il-Qorti hu ċar. Il-Qorti hi obbligata tqis l-impatt li reati ta' vjolenza gratwita jħallu fuq il-membri tas-soċjetà. Għalkemm Spiteri hu raġel matur u għalkemm ma jirriżultax li l-imputat jinħtieġ riforma jew riabilitazzjoni partikolari, l-vjolenza qatt ma tista' tiġi tollerata.

## Decide

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ħames (5) imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(d), 217, 221(1), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Att Dwar l-Armi, tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah għal **sebgħa w għoxrin xahar (27) priġunerija**, u multa ta' <u>€116.47c</u>

---

[63] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.
[64] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiża fit-13 ta' Novembru, 2009; Appell Nru. 328/09

Inoltre wara li rat l-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien mal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, tordna lill-imputat jagħmel kumpens ta' elf Ewro (€1,000) lil Raymond Psaila għall-ħsara minnu kawżata.

Din l-ordni għandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leża.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **€320.90c** rappreżentanti spejjez peritali.

Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ **Ordni ta' Trażżin** fil-konfront tal-imputat a favur ta' Raymond Psaila ghal zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre ai termini tal-artikoli 15(3) u 15(H)(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat qed jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' sentejn (2) millum.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lil Transport Malta (Land Transport Directorate).

Finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien max-xiehda ta' Joseph Spiteri u dan senjatament rigward dak li xehed fil-konfront tal-Ispettur Darren Buhagiar, kif ukoll dik ta' Liliana Baldacchino u Charles Barbara, tintbagħat lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk fil-konfront ta' dawn il-persuni jew xi wieħed minnhom hux passibbli fil-konfront tagħhom għal reati kontemplati fis-Sub-titolu III tat-Titolu III, Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**